MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 126/2008

**Panta Marketing & Services Limited**
**Vs**
**Euro Chemie Prodcuts Ltd.**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors tas-socjeta intimata pprezentat nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta’ Frar 2008 fejn espona s-segwenti:-

“Illi s-socjeta esponenti pprezentat rikors fl-atti ta’ dan il-Mandat ta’ Qbid numru 1618/07JVA fl-ismijiet premessi ai termini tal-artikolu 283A tal-Kap 12, illi permezz tieghu s-socjeta esponenti talbet lil dina l-Qorti tordna ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors, illi l-Mandat ta’ Qbid odjern m’ghandux jigi ezegwit fuq l-oggetti li l-Marixxal qabad fit-tmienja (8) t’Awwissu 2007.

Illi dan ir-rikors gie dekretat kameralment nhar it-tnax (12) ta’ Frar 2008 u t-talba tas-socjeta esponenti giet michuda u dan minghajr ma tali rikors gie appuntat ghas-smiegh.

Illi bir-rispett dovut lejn dina l-Onorabbli Qorti, id-deliberazzjoni tar-rikors tas-socjeta esponenti sar b'mod kompletament irritwali. Illi dana peress li l-artikolu 283A (2) tal-Kap 12 tassattivament jistupula li:-

'(2) Il-Qorti ghandha tappunta ghas-smiegh u tisma r-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, fi zmien sitt ijiem mill-prezentata tar-rikors.'

Illi tali smiegh qatt ma gie appuntat w ghalkemm il-kontro parti giet notifikata bir-rikors tas-socjeta esponenti u dahhlet ir-risposta taghha, dina l-Onorabbli Qorti naqset li taghti digriet separat bil-miftuh kif jiddisponi l-artikolu 283A tal-Kap 12 u minflok tat digriet kamerali kif diga intqal.

Illi dina l-irritwalita qieghda tirreka pregudizzju gravi lis-socjeta esponenti minhabba li ai termini tas-subartikolu (5) ta' l-istess artikolu 283A tal-Kap 12 appell minn digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuh. Galadarba d-digriet ma nqarax fil-miftuh kif titlob il-ligi, s-socjeta esponeneti hija mcahhda milli tinterponi appell mid-digriet tat-tnax (12) ta' Frar 2008 kif tiddisponi l-ligi.

Ghaldaqstant s-socjeta esponenti bil-qima talbet li dina l-Onorabbli Qorti, in vista tal-irritwalita illi giet segwita sabiex ir-rikors taghha jigi dekretat, tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tat-tnax (12) ta' Frar 2008, tappunta s-smiegh tar-rikors originali taghha u tipprocedi sabiex tiddekreta tali rikors fil-miftuh u dana sabiex s-socjeta esponenti ma tkunx imcahda mill-possibilta li tinterponi appell minn tali digriet jekk ikun hemm il-htiega."

Rat id-digriet taghha tal-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar 2008 fejn ordnat notifika tar-rikors bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta Panta Marketing & Services Limited prezentata nhar il-hamsa (5) ta' Marzu 2008.

Rat id-digriet taghha tal-hdax (11) ta' Marzu 2008 fejn appuntat ghas-smiegh ir-rikors promotur.

Semghet lil **Anthony Pisani** jixhed nhar l-erbatax (14) t'Ottubru 2008 u dan fil-kariga tieghu ta' Direttur tas-socjeta rikorrenti, fejn stqarr illi huwa jokkupa wkoll l-kariga ta' Direttur fis-socjeta Kosecp Distribution and Business Services Limited.  Qal li l-operat tas-socjeta rikorrenti huwa f'Ricasoli filwaqt li l-proprjeta tal-Handaq tappartjeni lis-socjeta Kosecp.  Ikkonferma li ma hemm l-ebda produzzjoni tas-socjeta Euro Chemie Products Limited gewwa tal-Handaq.  Qal li huma hargu minn Ricasoli peress li l-Gvern ried l-proprjeta ghall-progett ta' Smart City. Ghalhekk jghid li fil-prezent is-socjeta rikorrenti m'ghandhiex fabbrika biex topera u b'hekk mhiex qed topera.  Jghid li l-oggetti li gew maqbuda bil-Mandat ta' Qbid numru 1618/07 JVA fl-ismijiet premessi gewwa tal-Handaq, jappartjenu principalment lis-socjeta Kosecp Limited u ta' sid il-fabbrika minghand min tikri din l-istess socjeta.  Jghid li Kosecp Limited ilha inkwilina fil-proprjeta f'Tal-Handaq, ghal dawn l-ahhar tlett snin. Ikkonferma li l-post f'Tal-Handaq qatt ma kien mikri lis-socjeta rikorrenti.

Semghet il-partijiet jittrattaw ir-rikors nhar l-erbatax (14) t'Ottubru 2008.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors promotur jaghmel referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti tat-tnax (12)  ta' Frar 2008  fuq rikors maghmul mis-socjeta rikorrenti nhar l-wiehed w ghoxrin (21) ta' Frar 2008.

F'dak ir-rikors r-rikorrenti kien ippremetta li l-oggetti maqbuda bil-Mandat ta' Qbid numru 1618/07JVA ma jappartjenux lis-socjeta rikorrenti, izda lis-socjeta Kosecp (Distribution and Business Services) Limited.  In oltre r-rikorrenti f'dak l-imsemmi rikors tas-sitta w ghoxrin (26) ta' Frar 2008, ghamel referenza ghall-artikolu 304 tal-Kap 12 u qal li l-oggetti maqbuda m'humiex soggetti ghall-qbid ghaliex hemm makni, ghoddod u kompjuters tas-socjeta debitrici, li jammontaw ghal kotba tal-professjoni tad-debitur skond is-sub artikolu (b) tal-artikolu 304 tal-Kap 12, w ghamara, li skond is-sub artikolu (d) ta' l-istess

artikolu, ma tistax tinqabad lanqas ghaliex hija indispensabbli ghall-operat tas-socjeta debitrici.

Illi a bazi ta’ dak li gie premess f’dak ir-rikors, din il-Qorti kienet ordnat notifika lis-socjeta intimata b’digriet taghha tas-sitta (6) ta’ Frar 2008.

Illi s-socjeta intimata kienet pprezentat ir-risposta taghha u principalment sostniet li l-artikolu 283A tal-Kap 12 ma japplikax ghal kaz in esami u dan ghaliex f’dak ir-rikors ma kienx hemm talba sabiex l-att esekuttiv in kwistjoni (l-Mandat ta’ Qbid numru 1618/07JVA) jithassar, sew ghal kollox jew parti minnu, a bazi ta’ ragunijiet specifici elenkati mill-ligi, izda kienet talbet biss li l-‘*att esekuttiv ma jigix esegwit’.*

Issa, kif tajjeb osservat is-socjeta intimata fir-risposta taghha fuq indikata tal-wiehed u tletin (31) ta’ Jannar 2008, meta kkwotat is-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell nhar il-hamsa (5) ta’ Frar 2002 fl-ismijiet **Josephine Persiano f’isimha proprju u ghan-nom ta’ bintha minuri Tiziana vs Joseph Persiano** meta qalet li:

*“Meta l-ligi tipprovdi ghal procedura specjali, bhalma certament hi dik skond l-Artikolu 283A, b’ghanjiet specifici, dik l-istess procedura ma tistax tigi estiza ghal ghanijiet ohra.”*

Jigi notat li effettivament ir-rikorenti m’ilmenta xejn dwar il-hrug tal-mandat, u cioe li kien irregolari, izda lmenta biss mill-esekuzzjoni tieghu. Ghaldaqstant japplika dak li intqal fis-sentenza **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Joseph Pace** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar t-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Gunju 2005 meta cahdet it-talba rikorrenti a bazi li:

*“...l-procedura adoperata mhix dik idonea. L-artikolu 283A invokat jikkontempla talba minn intimat f’mandat esekuttiv biex thasar il-mandat ghal raguni valida fil-ligi. F’dan il-kaz, ma hemm xejn irregolari fil-hrug tal-mandat, u l-*

*intimat huwa dirett lejn l-esekuzzjoni tal-mandat mhux il-hrug tieghu."*

Illi dwar dak li qal ix-xhud Anthony Pisani dwar min hu l-propretarju tal-oggetti maqbuda, din il-Qorti mhi ser tikkummenta xejn, peress illi l-kontenut tax-xhieda tieghu ma jaffettwax il-mertu tar-rikors odjern. Il-kwistjoni ta' lil min jappartjenu l-oggetti maqbuda u jekk jistghux jigi maqbuda, qieghda tithalla mpregudikata.

**Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-procedura adoperata minnha fic-circkostanzi kienet wahda korretta w ghaldaqstant qed tichad it-talba rikorrenti u zzomm ferm id-digriet taghha precedenti tat-tnax (12) ta' Frar 2008.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mis-socjeta rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------